# *I AM THE MAN*

Hliefi ma jgħidlek ħadd jekk trid taf sewwa
l-ewwel bhejjem u nies u fliema rkejjen
tal-Gżira kienet tgħammar, jekk trid ġewwa
il-kotba tal-Qadim moħħok iżżejjen.

Stejjer ħarbixt; bil-ħażen u bil-ħlewwa
rbaħt il-qalb tas-setgħanin, wixxejjen
ħdejja kull għerf; għalxejn tixtieq l-egħdewwa
minn għolja għal oħra tat-triq tiegħi titbejjen.

*I am the man* li nfixkel nies biex nitla';
li għaref sfajt għax wiċċi sfiq biżżejjed,
u f'daqqa siġra sirt mill-iċken xitla.

Għaraft niżejjen b'rix ħaddieħor, mejjet
isem Vassalli quddiem ismi, l-kitla
ħawwadt tal-Malti biex ħaxxint il-bwejjet.

RAS IL-FAR.